



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.5.2014
COM(2014) 280 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

L-għaxar rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 866/2004 tad-29 ta' April 2004 u l-qagħda li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2013

{SWD(2014) 157 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

L-għaxar rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 866/2004 tad-29 ta' April 2004 u l-qagħda li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2013

INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 866/2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 mal-Att tal-Adeżjoni¹ (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra, RLĦ) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004. Huwa jiddefinixxi t-termini li d-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE japplikaw skonthom fir-rigward tal-moviment tal-persuni, tal-merkanzija u tas-servizzi minn naħa għall-oħra tal-Linja bejn iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-gvern ma għandux kontroll effettiv u ż-żoni li fihom għandu. Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja ta' dawn ir-regoli, l-applikazzjoni tagħhom ġiet estiża għall-fruntiera bejn dawn iż-żoni u ż-Żona tal-Bażi Sovrana tar-Renju Unit fil-Lvant (ESBA).²

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2013.

Matul il-perjodu ta' rappurtar, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, emenda r-RLĦ sabiex jippermetti merkanzija tal-UE meħuda minn żoni taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru biex tittieħed lura f'dawk iż-żoni wara li tgħaddi miż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li mhumie x taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern³.

Il-Kummissjoni żammet djalogu kostruttiv mal-awtoritajiet rilevanti tar-Repubblika ta' Ċipru, mal-Amministrazzjoni taż-Żona ta' Bażi Sovrana (SBA) fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament, kif ukoll mal-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka (TCCoC).

1. PERSUNI LI JAQSMU L-LINJA

1.1. Il-qsim fil-punti ta' qsim awtorizzati

Ir-Regolament jipprovdi qafas legali stabbli għall-moviment liberu taċ-Ċiprijotti, ta' ċittadini oħrajn tal-UE u ta' persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-Linja l-Ħadra (minn hawn 'il quddiem "il-Linja") fil-punti ta' qsim awtorizzati. Kien hemm żieda kemm fl-għadd ta' Ċiprijotti Griegi kif ukoll ta' Ċiprijotti Torok li qasmu fl-2013 meta mqabbel mas-snin preċedenti.

Skont id-dejta mir-Repubblika ta' Ċipru, 520 410 (is-sena preċedenti: 481 732) qasma minn Ċiprijotti Griegi u 183 185 qasma minn vetturi Ċiprijotti Griegi (is-sena preċedenti: 154 778) kienu innutati miż-żoni kkontrollati mill-gvern għall-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru u 877 759

¹ ĠU L 161, 30.04.2004, p.128. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 685/2013 ta' Lulju 2013, ĠU L 196, 19.7.2013, p. 1- magħruf bħala r-Regolament dwar "il-Linja l-Ħadra".

² Ara t-tielet premessa tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 685/2013 tal-15 ta' Lulju 2013, ĠU L 196, 19.7.2013, p. 1.

(is-sena preċedenti: 850 362) qasma minn Ċiprijotti Torok u 323 655 qasma minn vetturi Ċiprijotti Torok (is-sena preċedenti: 280 358) mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern matul il-perjodu ta' rappurtar⁴.

L-għadd ta' ċittadini tal-UE minbarra Ċiprijotti u persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-Linja naqas ftit. Skont id-dejta mill-Pulizija tar-Repubblika ta' Ċipru (minn hawn 'il quddiem CYPOL), matul il-perjodu ta' rappurtar, kien hemm 517 580 qsim minn ċittadini tal-UE barra minn Ċiprijotti u minn persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi (is-sena preċedenti: 530 014). 69,64 % minn dan il-qsim (360 469) saru fil-punt ta' qsim ta' Ledra Street li kompla jirrappreżenta l-maġġoranza l-kbira tal-qsim minn persuni mhux Ċiprijotti (l-aktar turisti).

Iċ-ċifri miġbura mill-komunità Ċiprijotta Torka jindikaw żieda fl-għadd ta' qsim minn Ċiprijotti Griegi (jiġifieri 723 904) u tnaqqis fl-għadd ta' qsim minn vetturi Ċiprijotti Griegi (jiġifieri 210 937) miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru. Dawn jindikaw ukoll tnaqqis fl-għadd ta' qsim minn Ċiprijotti Torok (1 313 633) u qsim minn vetturi Ċiprijotti Torok fid-direzzjoni l-oħra (jiġifieri 432 824). Kien hemm 968,066 persuni nazzjonali barrani li qasmu miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru.

Iċ-ċifri ta' CYPOL imsemmija hawn fuq, madankollu, ma jinkludux dejta dwar persuni u vetturi li qasmu fil-punti tal-qsim ta' *Pergamos* u *Strovilia*, min-naħa tat-Tramuntana ta' Ċipru lejn l-ESBA.⁵ L-ebda statistika dettaljata mhija miżmuma mill-Amministrazzjoni tal-ESBA għal dawn iż-żewġ punti ta' qsim. Madankollu, l-ESBA tirrapporta, abbażi ta' informazzjoni mill-komunità Torka Ċiprijotta, li 84 551 (is-sena preċedenti: 48 807) Ċiprijott Grieg qasmu lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru u 216 084 (is-sena preċedenti: 315 683) Ċiprijott Tork qasmu lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern, filwaqt li 124 323 ċittadin tal-UE minbarra Ċiprijotti u persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi qasmu fiż-żewġ direzzjonijiet, permezz tal-punti ta' qsim li jinsabu fl-ESBA.

Fl-2013, l-għadd ta' persunal ta' CYPOL li ħadmu direttament fil-punti ta' qsim naqas għal 75 (80 fl-2012).

Il-maġġoranza kbira tal-qsim seħħ mingħajr problemi. Kienu rrappurtati inqas inċidenti mis-sena l-oħra, iżda dawn jibqgħu sors ta' tħassib għall-komunità Ċiprijotta Torka.

Fil-bidu tal-2013 il-Kummissjoni rċeviet rapporti ta' bdil ta' prattika fil-punti tal-qsim li jikkonċernaw il-ħtiġijiet għal liċenzji tas-sewqan għall-konjuġi ta' ċittadini Ċiprijotti Torok li jkunu huma persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi, li ġew infurmati li ma għadhomx jistgħu jsuqu f'żoni kkontrollati mill-gvern jekk dawn ma jgorrux liċenzja tas-sewqan mill-pajjiż tal-orġini tagħhom. Il-Kummissjoni qajmet il-kwistjoni mal-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru biex tevalwa jekk hemmx bidla ta' politika, li fil-każ tkun teħtieġ notifika lill-Kummissjoni skont l-Art 10 tar-RLĦ. L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru infurmaw lill-Kummissjoni li persuni

⁴ L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru ma jżommux reġistri għar-ritorn ta' Ċiprijotti Griegi lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern jew ir-ritorn ta' Ċiprijotti Torok lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru.

⁵ Ir-RLĦ ma fihx obbligi ta' rappurtar għal dan it-traffiku.

nazzjonali ta' pajjiżi terzi jistgħu jsuqu fiż-żoni kontrollati mill-gvern sakemm ikunu detenturi ta' liċenzja valida tas-sewqan mill-pajjiż tal-oriġini tagħhom jew ta' liċenzja tas-sewqan internazzjonali.

Kif iddikjarat f'diversi okkażjonijiet, il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-istabbiltà tal-prattika fil-punti tal-qsim u lill-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u l-familji tagħhom minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra.

B'appoġġ mill-UNFICYP, ittieħdu passi importanti biex tiġi ffaċilitata l-prattika ta' qima reliġjuża. Il-mexxejja reliġjużi bbenefikaw minn possibilitajiet ta' qsim aktar faċli fiż-żewġ direzzjonijiet.

1.2. Migrazzjoni irregolari minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra u l-ażil

Iċ-ċifri ta' CYPOL għall-2013 komplew jindikaw tnaqqis fil-migrazzjoni irregolari tul il-Linja mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru lejn iż-żoni kontrollati mill-gvern. Fl-2013, 1043 migrant irregolari (is-sena ta' qabel: 1 265) inqabdu fiż-żoni kontrollati mill-gvern.⁶ Erba' migranti irregolari daħlu direttament fiż-żoni kontrollati mill-gvern (is-sena preċedenti: 19) u 37 persuna (is-sena preċedenti: 13) daħlu permezz tal-ESBA, li wasslu għal għadd totali ta' migranti irregolari maqbuda ta' 1084 (is-sena preċedenti: 1 297). Bħala raġuni probabbli, CYPOL indikat it-tnaqqis fil-prospetti tal-impjieg minħabba l-kriżi ekonomika f'Ċipru, kif ukoll iż-żieda fl-għadd tal-persunal u l-għassa skont il-pjan strateġiku ta' CYPOL għall-2012-2015 kontra l-immigrazzjoni irregolari. Il-pajjiżi tal-oriġini bl-ogħla numru ta' migranti irregolari maqbuda wara li jkunu qasmi l-Linja l-Ħadra kienu s-Sirja, il-Pakistan u l-Iran (l-Anness VII). Il-migranti irregolari normalment jinqabdu waqt kontrolli tul il-Linja u fl-ajruporti meta jkunu qed jippruvaw iħallu Ċipru. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed ifittxu protezzjoni internazzjonali normalment jiġu identifikati fl-għases tal-pulizija meta japplikaw għall-asil.

Minn 1043 migrant irregolari, 491 persuna (47 %) applikaw għall-ażil fir-Repubblika ta' Ċipru. Matul il-perjodu ta' rapportar, kien hemm għal darba oħra żieda ta' ċittadini tas-Sirja li applikaw għall-ażil (337 fl-2013, 294 fl-2012).

Il-valutazzjoni ta' CYPOL tar-rotta ta' dħul ta' migranti irregolari lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern hija bbażata fuq l-istess kriterji bħas-snin ta' qabel, primarjament permezz ta' biċċiet ta' informazzjoni inklużi fid-dokumenti tagħhom, dikjarazzjonijiet minn migranti u forom oħra ta' evidenza.

Ibbażat fuq l-analiżi magħmula minn CYPOL, il-biċċa l-kbira tal-migranti irregolari maqbuda wara li jkunu qasmi l-Linja waslu fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru billi għaddew mit-territorju Tork.

⁶ Din il-figura teskludi persuni li mhumx permessi jaqsmu l-Linja, peress li r-Repubblika ta' Ċipru ma żżommx statistiċi uffiċjali dwarhom. Madankollu, CYPOL tagħmel stima li fl-2013 madwar 2000 persuna ma tħallewx jaqsmu lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern.

Skont informazzjoni rċevuta mill-komunità Ċiprijotta Torka, 25 migrant irregolari nqabdu fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru, 14 minnhom Sirjani. 2 267 persuna⁷ ma tħallewx jidħlu fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru f'punti differenti ta' dħul u 637 persuna kienu rritornati⁸.

Ma teżisti l-ebda kooperazzjoni diretta dwar kwistjonijiet ta' pulizija u immigrazzjoni bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u l-komunità Ċiprijotta Torka. Madankollu, rappreżentanti miż-żewġ komunitajiet jiltaqgħu regolarment fi ħdan Kumitat Tekniku bikomunali dwar il-Kriminalità u l-Affarijiet Kriminali taħt l-awspiċċi tan-NU. Bħala estensjoni għal dan il-kumitat, iż-żewġ komunitajiet stabilixxew ukoll "Kamra għall-Komunikazzjoni Konġunta", li tipprovdi forum għall-iskambju tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet kriminali. Kooperazzjoni tajba wasslet għall-ftuħ ta' investigazzjonijiet kriminali.⁹

CYPOL iddeskriviet il-kooperazzjoni ma' dipartimenti governattivi oħra rilevanti u l-amministrazzjoni tal-ESBA bħala tajba ħafna.

Iż-Żona tal-Bażi Sovrana fil-Lvant (ESBA)

B'mod ġenerali, il-migrazzjoni irregolari li tgħaddi mill-ESBA naqset kemm kemm matul il-perjodu ta' rappurtar. Uffiċjali tal-SBA jkomplu jiddeskrivu l-kooperazzjoni tagħhom mar-Repubblika ta' Ċipru bħala eċċellenti. Matul l-2013, 1 042 persuna ma tħallewx jaqsmu, il-maġġoranza tagħhom kienu ċittadini Torok li jgħixu fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru. Barranin oħra kienu turisti mill-Istati Uniti, l-Iran, ir-Russja u l-Awstralja li waslu mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru. Dawn il-persuni ġew diretti lejn il-punt tal-qsim ta' Agios Dhometios għall-ipproċessar tal-ħtiġijiet għad-dħul fir-Repubblika ta' Ċipru.¹⁰

Total ta' 37 barrani li kienu qed joqogħdu illegalment ġew arrestati fl-ESBA¹¹, li minnhom 25 kienu qasmi għaż-żoni kkontrollati mill-gvern legalment, iżda baqgħu hemm wara li l-viżi tagħhom kienu skadew. Minn dawn 11 daħlu fil-gżira mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru u qasmi l-Linja b'mod irregolari. Tliet faċilitaturi ġew ukoll arrestati mill-SBA.

F'postijiet oħra għajr il-punti ta' qsim, il-Pulizija tal-SBA twettaq rondi irregolari, ibbażati fuq ir-riskju u ggwidati mill-intelligence kontra l-immigrazzjoni irregolari. Dawn ir-rondi huma ssupplimentati minn rondi mill-SBA Doganali u assi militari.

Bosta "punti ta' qsim mhux awtorizzati" fil-villaġġ ta' *Pergamos* jew ħdejh li jintużaw minn residenti lokali u bdiewa huma partikolarment diffiċli biex jiġu kkontrollati. Kif imsemmi f'rapporti preċedenti, dawn il-"punti ta' qsim mhux awtorizzati" jibqgħu kawża għal tħassib u għandha tinstab soluzzjoni xierqa konformi mal-Artikolu 5 (2) tal-Protokoll Nru 3 tal-Att tal-

⁷ Mis-Sirja: 485, it-Turkija: 473, it-Turkmenistan: 82, l-Iraq: 66, il-Ġeorgja: 30.

⁸ It-Turkija: 229, il-Moldova: 61, is-Sirja: 47, l-Iran: 21, in-Niġerja: 8.

⁹ Rapport tas-Segretarju Ġenerali dwar l-operazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti f'Ċipru, it-30 ta' Diċembru 2013.

¹⁰ It-Turkija: 716, l-Istati Uniti: 55, l-Iran: 42, ir-Russja: 39, l-Awstralja: 25.

¹¹ Il-Vjetnam: 9, l-Eġittu: 6, is-Somalja: 3, il-Moldova: 3, l-Indja: 3, il-Filippini: 3, il-Ġeorgja: 2, is-Sirja: 2, il-Komoros: 2, l-Ukraina: 1, ir-Russja: 1, is-Sri Lanka: 1, is-Sudan: 1.

Adeżjoni tal-2003.¹² L-SBA infurmat li livelli oġġla ta' disponibbiltà tal-persunal matul il-perjodu ta' rappurtar ippermettew li jiżdied il-livell ta' għases fuq l-art fuq il-Linja l-Ħadra u "l-punti ta' qsim mhux awtorizzati" u biex jiġi mmobilizzat il-persunal malajr f'każ ta' bżonn.

2. QSIM TAL-MERKANZIJA

2.1. Il-valur tal-kummerċ

Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1480/2004¹³, il-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka kif ukoll l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru rrappurtaw fuq bażi ta' kull xahar dwar it-tip, il-volum u l-valur tal-merkanzija li għaliha nħarġu d-dokumenti anċillari. It-tnejn li huma jirrapportaw dwar merkanzija li qasmet lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern mill-punti ta' qsim ta' *Pergamos* u *Strovilia* taħt l-awtorità tal-Amministrazzjoni tal-SBA.

Skont it-TCCoC, il-valur totali tal-merkanzija li nħargulha dokumenti anċillari ammonta għal EUR 4 311 615 (is-sena preċedenti: EUR 4 835 528) filwaqt li l-valur tal-merkanzija li effettivament ġiet negozjata kien ta' EUR 3 836 845 (is-sena preċedenti: EUR 4 196 465). Dawn iċ-ċifri jindikaw tnaqqis ulterjuri ta' kummerċ tal-Linja l-Ħadra ta' 8,5 % meta mqabbel mal-2012. Din iċ-ċifra hija sostanzjalment iktar baxxa mill-figura ta' EUR 6 267 082 tal-perjodu ewlieni ta' kummerċ (1.5.2009-30.4.2010).

Skont ir-rapporti pprovduti mir-Repubblika ta' Ċipru, il-valur kummerċjali totali tal-merkanzija li qasmet il-Linja naqas bi 15,55 % għal EUR 3 411 593. It-tnaqqis kien notevoli għall-materjal tal-bini, prodotti tal-aluminju/PVC, prodotti tal-injam/għamara u ħxejjex. Il-partijiet interessati jsemmu l-kriżi ekonomika bħala l-fattur ewlieni li jwassal għal dan it-tnaqqis. Issemma wkoll li ħafna operatori jikkunsidraw li l-piż amministrattiv neċessarju biex wieħed jidħol fil-kummerċ tal-Linja l-Ħadra huwa sproporzjonat mal-benefiċċju miksub.

Minkejja li mhuwiex kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tar-RLĦ, il-kummerċ miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru naqas b'madwar 21 % minn EUR 1 014 067 fl-2012 għal EUR 799 396 fl-2013 skont ċifri mill-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija (CCCI) ta' Ċipru. Il-kummerċ miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru jirrappreżenta 23,4 % tal-kummerċ fid-direzzjoni opposta (11,3 % fl-2012).

Il-komunità Ċiprijotta Torka tkompli tapplika reġim ta' kummerċ, li fil-prinċipju "jirrifletti" r-restrizzjonijiet tar-RLĦ. Madankollu, dan ir-reġim mhux dejjem qed jiġi applikat b'mod konsistenti, u dan jagħmilha diffiċli biex jitwaqqfu relazzjonijiet kummerċjali sostenibbli. Il-protezzjoni ta' negozji lokali hija ddikkjarata apertament mill-partijiet interessati Ċiprijotti Torok bħala r-raġuni ewlenija.

¹² ĠU L 236, 23.09.2003, p. 940.

¹³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1480/2004 tal-10 ta' Awwissu 2004, ĠU L 272, 20.8.2004, p. 3.

2.2. Tip ta' merkanzija

Fl-2013, il-prodotti tal-plastik kienu l-aktar oġġett ikkummerċjat, segwiti minn ħut frisk, materjal għar-riċiklaġġ mhux ipproċessat u materjali/oġġetti tal-ġebel għall-bini.¹⁴ Kien hemm żieda fil-valur tal-kummerċ ta' prodotti tal-plastik (fliexken, tappijiet u kontenituri, basktijiet, kaxxi, kontenituri).

Prodotti ġodda bħal ħarrub, stands galvanizzati, mankijiet tal-basktijiet tal-plastik, ħġieġ ikkulurit, zkuk tal-qamħirrun, ruttam ferruż, kejbils, dinamos, magni tal-elettriku, spallieri tal-metall u bżar ħelu u cayenne ġew introdotti iżda kellhom impatt limitat ħafna fuq il-kummerċ. Il-kummerċ kollu li għadda mil-Linja kien kummerċ limitat għall-gżira u ma kienx hemm esportazzjoni rreġistrata lejn Stati Membri oħra tal-UE jew lejn pajjiżi terzi.

Il-kummerċ tal-għasel miż-żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern sar possibbli fil-bidu tal-2013, għalkemm l-ebda kunsinna ma ġiet innegozjata minħabba li l-produzzjoni kollha kienet assorbita mis-suq lokali.

2.3. Irregolaritajiet

L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru rrappurtaw tmien każijiet ta' irregolaritajiet dwar ħxejjex differenti. L-irregolaritajiet kienu jikkonsistu f' (a) kwantitajiet ogħla minn dawk iddikjarati (erba' każijiet), (b) prodotti Torok (żewġ każijiet), u (c) prodotti li ma kinux iddikjarati u ma kellhomx ċertifikat ta' oriġini (żewġ każijiet). L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru qerdu l-prodotti jew il-kwantitajiet żejda inkwistjoni u applikaw sanzjonijiet pekunarij. Matul il-perjodu ta' rappurtar, ir-Repubblika ta' Ċipru ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar każ wieħed partikolari li jinvolvi l-karrotti. Il-Kummissjoni infurmat lit-TCCoC biha. It-TCCoC investigat il-kwistjoni u ssuspendiet in-negozjant milli jikkummerċja minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra għal sitt xhur.

Ir-Repubblika ta' Ċipru kitbet ukoll lill-Kummissjoni biex tesprimi tħassib dwar l-oriġini u l-ammonti ta' ħut frisk li qed jiġi kkummerċjat minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra, inklużi allegazzjonijiet ta' każijiet fejn il-ħut in kwistjoni ma jkunx inqabad fil-Mediterran. Il-Kummissjoni qajmet din il-kwistjoni mat-TCCoC, li ħadet miżuri biex tiżgura iktar li ħut frisk li hu kkummerċjat minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra jkun ġej esklussivament minn bastimenti inklużi fil-lista ta' bastimenti konformi msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/330/KE¹⁵.

2.4. Ostakoli u diffikultajiet fir-rigward tal-moviment tal-merkanzija

L-ostakoli għall-kummerċ li jgħaddi mil-Linja jkomplu jippersistu u dan huwa rifless ukoll fit-tnaqqis tal-kummerċ.

Kif imsemmi frapporti preċedenti, il-kwistjoni tal-vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok li jgħorru merkanzija u passiġġieri lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern għadha mhix solvuta. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-faċilitazzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi kummerċjali Ċiprijotti

¹⁴ Anness IV.

¹⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2007 (2007/330/KE), ĠU L 123, 12.5.2007, p. 30.

Torok tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Ċiprijotta Torka. Ma seta' jiġi rrappurtat l-ebda progress is-sena l-oħra. Sal-lum, l-ebda vettura kummerċjali Ċiprijotta Torka ta' aktar minn 7,5 tunellati ma tista' taqşam il-Linja sakemm ma jkollhiex dokumenti konformi b'mod sħiħ mal-acquis maħruġ mir-Repubblika ta' Ċipru. L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru infurmaw lill-Kummissjoni li daħħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet biex jiffaċilitaw il-ksib ta' ċertifikati tal-affidabbiltà stradali u liċenzji tas-sewqan professjonali għaċ-Ċiprijotti Torok. Mis-sajf tal-2013, il-Kummissjoni żammet kuntatti mal-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru kif ukoll mal-partijiet interessati Ċiprijotti Torok. Fid-dawl tas-sospensjoni tal-acquis fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern skont il-Protokoll 10 għat-Trattat ta' Adeżjoni tal-2003, mekkaniżmu jista' jiffaċilita l-qsim ta' vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok u jindirizza kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà. Dawn l-isforzi ma kinux ipproduċew riżultat fi tmiem il-perjodu ta' rappurtar.

Problemi madwar ikel ipproċessat komplew fl-2013. L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru ma jippermettux li prodotti ta' ikel ipproċessat jaqsmu, minħabba t-tħassib li qajmu s-servizzi tas-saħħa dwar il-proċess tal-produzzjoni fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru. Il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru li ma hemm l-ebda raġuni skont ir-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra biex jitwettqu kontrolli oħra għajr dawk li hemm stipulati f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari sabiex jitwettqu kontrolli ta' proprjetajiet fiż-żoni biex jiġi evalwat jekk il-produzzjoni titwettaqx f'konformità mar-regoli tal-Unjoni. Filwaqt li jistgħu jieħdu kampjuni tal-prodotti għal analiżi ulterjuri, ma għandhomx jimpedixxu l-prodotti tal-ikel ipproċessati kollha milli jaqsmu. Sal-lum, prodotti tal-ikel ipproċessati għadhom mhux jitħallew jaqsmu. Mis-sajf 2013, il-Kummissjoni għamlet sforzi simili għal dawk approvati għal vetturi kummerċjali bl-għan li tpoġġi fis-seħħ mekkaniżmu li jiffaċilita l-qsim ta' ikel ipproċessat u tindirizza l-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà. Id-diskussjonijiet ma pproduċewx riżultat fi tmiem il-perjodu ta' rappurtar.

Bħal fis-snin preċedenti, in-negozjanti Ċiprijotti Torok baqgħu jirrappurtaw diffikultajiet biex il-prodotti tagħhom ikunu stokkjati fil-ħwienet u biex jirreklamaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom fiż-żoni kkontrollati mill-gvern u dan ifixkel il-kummerċ. Dawn id-diffikultajiet possibbilment jirriflettu nuqqas ta' ħeġġa mifrux fost iċ-Ċiprijotti Griegi biex jixtru prodotti Ċiprijotti Torok. Barra minn hekk, issemma li negozjanti miż-żewġ komunitajiet qegħdin jaffaċċaw ħafna problemi amministrattivi meta jkunu jridu jidħlu f'negozju mal-komunità l-oħra. L-operaturi ekonomiċi miż-żewġ naħat għandhom bżonn ikunu ħielsa li jidħlu f'relazzjonijiet kummerċjali bbażati fuq il-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom.

2.5. Il-kuntrabandu ta' merkanzija

Il-kuntrabandu ta' merkanzija għadu mifrux, li jirrifletti n-natura ġeografika tal-Linja. L-operazzjonijiet ta' kontroll iseħħu f'żoni qrib il-Linja sabiex jiġu trattati b'mod partikolari kwistjonijiet staġjonali bħat-trasport ta' għasafar tal-kaċċa/slavaġ jew trikkitrakki (ukoll permezz tal-ESBA) lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern.

Fl-2013, ir-Repubblika ta' Ċipru wettqet 2 873 konfiska (fis-sena ta' qabel: 1 305). Fl-2013, kien hemm żieda sostanzjali fil-kwantitajiet ta' sigaretti u tabakk tal-brim ikkonfiskati mir-

Repubblika ta' Ċipru: 175 340 sigarett u 300 704 gr. ta' tabakk tal-brim (is-sena preċedenti: 48 939 sigarett u 49,380 gr., rispettivament). Ġie rrapportat li għall-maġġoranza, dan il-kuntrabandu jikkonsisti fi kwantitajiet żgħar. Oġġetti oħra maqbuda jinkludu prinċipalment merkanzija li tikser id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, kif ukoll prodotti tal-annimali u tal-ħalib. Ma kien hemm l-ebda każ kriminali ppreżentat fil-qorti distrettuali minħabba kuntrabandu. Għall-maġġoranza tal-każijiet irrappurtati, tiġi imposta piena amministrattiva.

L-SBA għamlu bidliet fl-Ordinanza Doganali sabiex jissaħħu s-setgħat disponibbli għall-uffiċjali tagħhom, li jippermettulhom li jwaqqfu u jfittxu vetturi suspettati minn użu ta' rotot mhux uffiċjali biex jaqsmu l-Linja l-Ħadra. Flimkien ma' livelli oġhla ta' disponibbiltà tal-persunal, dan irriżulta f'livell oġhla ta' detezzjoni tal-merkanzija. Fl-2013 kienu mwettqa 351 konfiska (is-sena preċedenti: 217).

Fir-rigward tal-provvista tradizzjonali tal-popolazzjoni Ċiprijotta Torka fir-raħal ta' Pyla, li jinsab fiż-Żona ta' Protezzjoni (l-Artikolu 4(10) tar-RLĦ), il-kwantitajiet ta' materjali ta' kostruzzjoni, ħut, sigaretti, eċċ. huma mmonitorjati u rreġistrati mill-amministrazzjoni tal-ESBA. L-ESBA stabbilixxiet valuri ġodda għall-ammonti ta' sigaretti u tabakk tal-brim li huma destinati lejn il-provvista tradizzjonali ta' abitanti Ċiprijotti Torok ta' ta' Pyla.

2.6. Il-faċilitazzjoni tal-kummerċ

Il-Kummissjoni qed tkompli tfittex modi sabiex jiżdied il-kummerċ li jaqsam il-Linja. L-ewwel kunsinna ta' patata mhux imkabbra direttament minn żerriegħa ċertifikata ġiet innegożjata kmieni fl-2013.¹⁶

It-TCCoC kompiet tesprimi interess ġenerali fit-tneħħija tal-projbizzjoni tal-kummerċ fl-annimali ħajjin u l-prodotti tal-annimali kollha sal-punt fejn dawn il-prodotti jkunu jikkonformaw mar-regoli u r-regolamenti tal-UE. Tentattiv biex jiġi permiss il-kummerċ tax-xorrox għat-trasformazzjoni f'bijogass fiż-żoni kkontrollati mill-gvern ma setax ikun ta' suċċess minħabba li n-natura tal-miżuri li għandhom jittieħdu matul it-trasformazzjoni fil-faċilitajiet eżistenti kienet tirrendi l-operazzjoni mhux fattibbli u ekonomikament inġustifikabbli. Il-Kummissjoni bħalissa qed tanalizza t-talba biex jiġi awtorizzat l-kummerċ tal-ħut tal-akkwakultura. Ir-Repubblika ta' Ċipru ripetutament espremiet ir-rieda tagħha li teżamina l-possibbiltà li tespandi l-lista tal-merkanzija li tista' taqsam għaż-żoni kkontrollati mill-gvern.

F'Settembru, il-UNDP sponsorjat eżerċizzju ta' skambju ta' ideat barra l-gżira f'Malta, li laqqa' flimkien 60 mexxej ċiviku, kummerċjali u politiku Ċiprijott prominenti. L-avveniment ta' tlett ijiem laħaq kunsens dwar il-ħtieġa li tinholq opportunità ġdida għall-kooperazzjoni kummerċjali interkomunali sabiex jintwerew il-benefiċċji ta' soluzzjoni.

¹⁶ Fl-2011 il-Kummissjoni neħħiet l-obbligu li patata kkummerċjata minn naħa għall-oħra tal-Linja għandha titkabbar direttament minn żerriegħa tal-patata ċertifikata.

2.7. Merkanzija tal-Unjoni li ttieħdet lura lejn iż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru wara li tkun għaddiet miż-żoni li mhumiex taħt il-kontroll effettiv tiegħu.

L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru rrappurtaw li 5091 oġġett ittieħed lura lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern wara li għaddew miż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern. Intqal li l-maġġoranza ta' dan il-moviment iseħħ lejn/mill-punti ta' qsim ta' Kato Pyrgos-Karavostasi u Astromeritis-Zhodia. Fi ftit każijiet, l-intervent tas-servizz veterinarju kien meħtieġ qabel ma l-merkanzija tħalliet tittieħed lura.

3. KONKLUŻJONIJIET

Kif ġie ddikjarat f'rapporti preċedenti, il-kontroll tal-Linja fil-punti ta' qsim awtorizzati mill-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru u tal-SBA u l-isforzi li saru huma sodisfaċenti minkejja r-restrizzjonijiet baġitarji. Il-qsim irregolari ta' persuni nazzjonali minn pajjiżi terzi jibqa' qasam ta' tħassib, u l-Kummissjoni tevalwa li tishh tas-sorveljanza tal-Linja bejn il-punti ta' qsim immexxija mir-Repubblika ta' Ċipru u l-Amministrazzjoni tal-SBA ikun importanti biex jgħin biex jiġu indirizzati l-migrazzjoni u l-kuntrabandu irregolari. Il-Kummissjoni titlob ukoll lill-Amministrazzjoni tal-SBA sabiex issib soluzzjoni xierqa biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-punti ta' qsim "mhux awtorizzati".

Il-Kummissjoni nnotat li sehew ftit inċidenti fil-postijiet ta' qsim kmieni fl-2013. Il-Kummissjoni tkompli tikkunsidra li l-istabilita u l-prevedibilita tal-ħtiġijiet fil-punti ta' qsim huma ta' importanza kbira, u se tkompli tqajjem il-kwistjoni mal-awtoritajiet rilevanti tar-Repubblika ta' Ċipru.

Fl-2013, il-valur tal-kummerċ minn naħa għall-oħra tal-Linja naqas b'mod sinifikanti u għall-ħames darba konsekuttiva mid-dħul fis-seħħ tar-RLĦ fl-2004 (bi tnaqqis ta' 15,55 % għal EUR 3 411 593 minn EUR 4 040 018, skont iċ-ċifri pprovduti mir-Repubblika ta' Ċipru) prinċipalment minħabba r-riċessjoni ekonomika. Il-prodotti tal-plastik kienu l-aktar oġġett ikkumerċjat, segwiti minn ħut frisk, materjal għar-riċiklaġġ mhux ipproċessat u materjali/oġġetti tal-ġebel għall-bini. Il-livell ġenerali tal-kummerċ baqa' pjuttost limitat, parzjalment minħabba l-ambitu ristrett tar-Regolament innifsu.

Matul il-perjodu ta' rappurtar, kien għad hemm ċerti ostakoli għall-kummerċ. Vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok, b'mod partikolari trakkijiet ta' aktar minn 7,5 tunellati u xarabankijiet, jistgħu jivvjaġġaw liberament fil-gżira kollha biss jekk jinkisbu liċenzji u ċertifikati konformi mal-acquis fiż-żoni kkontrollati mill-gvern. Is-servizzi tal-Kummissjoni żammew kuntatti mad-dipartimenti rilevanti tar-Repubblika ta' Ċipru u partijiet interessati oħra bl-għan li titpoġġa fis-seħħ soluzzjoni vijabbli għal din il-kwistjoni li tiffaċilita l-moviment ta' vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok minn naħa għall-oħra tal-Linja filwaqt li jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sigurtà. Madankollu, ma ntlaħaq l-ebda riżultat fi tmiem il-perjodu ta' rappurtar dwar din il-kwistjoni u lanqas fir-rigward tal-kwistjoni ta' ikel ipproċessat.

Il-moviment ta' merkanzija miż-żoni kkontrollati mill-gvern mill-punt ta' qsim ta' Limnitis mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru u lura lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern ġie rregolarizzat.

B'ħarsa globali, ir-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra għadu jipprovdi bażi legali li tippermetti l-passaġġ ta' persuni u merkanzija lejn u miż-żoni kkontrollati mill-gvern tar-Repubblika ta' Ċipru. Għalkemm iż-żieda fin-numru ta' qsim hu żvilupp milqugħ, il-Kummissjoni tibqa' mħassba dwar it-tnaqqis tal-volum tal-kummerċ, li huwa marbut mal-kriżi ekonomika. Ma hemm l-ebda evidenza li żdiedet l-interdipendenza ekonomika bejn iż-żewġ komunitajiet. Fuq dan l-isfond, il-Kummissjoni tibbaża fuq il-kooperazzjoni effettiva tar-Repubblika ta' Ċipru u tal-SBA biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 866/2004. Il-Kummissjoni se tibqa' tissorvelja l-implimentazzjoni tar-Regolament.